MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 116/2003/1

**Albert Calleja**

**vs**

**Direttur Generali tal-Qorti**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta’ Ottubru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Jannar 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) ghal xoghol ta’

traskrizzjoni ta’ xhieda maghmula fil-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Ghal xoghol ta’ traskrizzjonijiet ta’ xhieda fil-kamp Kriminali u rapporti ta’ inkjesti maghmula fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 11 presjeduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D., Magis. Juris (Eu Law) ghax-xhur ta’ April, Mejju, Gunju, Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru 2002 u dan skond talbiet ghal pagamenti mibghuta lilek permezz ta’ ittra ufficjali datata 10 ta’ Dicembru 2002 u kopja taghha hawn annessa bhala dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta’ Dicembru 2002 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali, inti mharrek ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt minhabba li fiz-zmien rilevanti huwa ma kienx jattendi l-post tax-xoghol tieghu fil-Qorti ghax kien bis-sick leave jew vacational leave jew fi pre-retirement leave. Jekk ghamel ix-xoghol minnu allegat dan ghamlu meta kien jaf li f’cirkostanzi bhal dawn huwa ma kienx awtorizzat, ma setax jaghmel dak ix-xoghol u lanqas jithallas ghalih.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza tikkostitwixxi talba ghal pagament ta' prestazzjoni ta' servizzi minn ufficjal pubbliku meta kien ordnat biex ma jsirx aktar u aktar meta kien fuq ' extended sick leave', u vicin ferm l-eta ta' rtirar mill-impjieg pubbliku. Ix-xoghol maghmul kien pero' rikjest u sar in konnessjoni mal-kariga li kien jokkupa fis-sistema gjudizzjarju. Il-konvenut qed jippretendi li, ghalkemm l-attur ma obdiex l-ordnijiet tieghu, huwa accetta x-xoghol tieghu, izda pero' bla hlas.

Illi l-principju bazilari huwa li 'omnia labor optat premium!' Sta ghal min ippresta s-servizzi tieghu li jiddikjara li ma jitlobx li jithallas jew le, mhux il-kontra.

L-oggezzjoni tal-konvenut hija stradata fuq zewg binarji - ma kienx f' posizzjoni medika li jahdem u x-xoghol ma kellux jaghmlu hu diment li kien f'dik il-posizzjoni, izda kellu jaghmlu haddiehor minhabba ragunijiet amministrattivi. Ma giex kontestat li l-frott ta' xogholu gie gawdut mill-konvenut peress li accettah. Biss ma jridx ihallsu.

Illi gara li meta din il-kawza thalliet ghas-sentenza giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Nferjuri) kawza b' meritu simili fl-ismijiet "Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja" (Avviz Nru 643/01JR) fit-23 ta' Jannar 2004. Il-fatti specie huma simili fil-kaz odjern bl-aggravju li l-konvenut ordna specifikament lill-attur biex ma jaghmilx ix-xoghol. Veru li l-prassi giurispudenzjali nostrali mhux wahda ta' precident, pero' dik is-sentenza titfa wisq dawl illuminanti fuq il-materja in dezamina. Dak li tolqot dik is-sentenza huwa senjatament il-giurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal biex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici. Il-partijiet anke in vista ta' dik is-sentenza, xorta wahda talbu lil dan it-Tribunal sabiex ighaddi ghas-sentenza tieghu.

Illi t-Tribunal ihoss illi ma jistax jinjora dik is-sentenza. Il-konkluzjonijiet taghha tirradika wisq l-esistenza ta' dan it-Tribunal. A skans ta' ripetizzjoni inutili, it-Tribunal jaghmel riferenza ghar-ragunament u sentenzi hemm indikati. Gie stabbilit illi r-rapport lavorattiv ta' ufficjal pubbliku huwa partikolari u huwa governat bi principji specifici w appositi. Tant li huwa anke rilevat fil-Kostituzjoni ta' Malta. Huwa servizz civili ghall-istat. It-talba tal-attur ghalkemm tista tidher li hija talba semplici ghal-hlas ghandha tigi "necessarjament trattata, espurata u deciza" fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet fil-meritu. Isostni dan it-Tribunal mhux biss tal-eccezzjonijiet izda ukoll tal-provi rizultanti. Dan l-obbligu dan it-Tribunal ma jistax jinjorah, anke jekk fi stadju daqshekk matur tal-kaz.

Jiddeciedi billi jiddikjara li ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici, u jhalli mpregudikat id-drittijiet rispettivi tal-kontendenti.

In vista tac-cirkostanzi specjali sal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Apparti certi riflessjonijiet li jaghmel dwar riljievi fil-meritu mqanqla mit-Tribunal, l-attur jikkontesta principalment is-sentenza ta' l-istess Tribunal fejn dan *marte proprio* issolleva l-inkompetenza tieghu fuq il-kaz tal-konsiderazzjonijiet espressi fis-sentenza ta' dina l-Qorti tat-23 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Marika Caruana -vs- Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja";

Jibda biex jigi registrat illi fl-istat attwali tal-gurisprudenza taghna ma jezisti ebda dubju illi l-ligi normali tapplika fir-relazzjonijiet dwar impjiegi bejn il-Gvern u l-*public servants*. L-istipiti ta' din il-gurisprudenza u li tat direzzjoni lill-ohrajn li segwewha hija s-sentenza fl-ismijiet "**Robert Butler -vs- Anthony Camilleri O.B.E. *nomine***", Appell Civili, 8 ta' Jannar 1965. Fiha, a propozitu, gie affermat il-principju illi f' kaz ta' destituzzjoni mill-kariga jew dak ta' retribuzzjoni ta' hlas dovut lill-impjegat civili ghas-servizz minnu prestat, il-Qorti ordinarja hija kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' din il-lanjanza, jekk tigi adita mill-impjegat ghal dan il-fini. Fl-istess sens huma s-sentenzi fl-ismijiet "**Gerald Vella -vs- Air Marshal Sir Walter S. Cheshire *nomine***", Appell Civili, 28 ta' Mejju 1965 u "**Perit Rene` Buttigieg -vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**", Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Gunju 1975;

Fil-prezent, addirittura, bl-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti tas-subinciz (6) ta' l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Procedura jinsab stabbilit illi dak is-subinciz ma kienx a priori jezawtora l-Qrati ordinarji mill-kompetenza illi jissindikaw l-operat tal-Gvern fir-rigward tar-relazzjonijiet li

jinholqu bejnu u bejn persuni mpjegati fis-servizz civili tieghu. Dan ghaliex, kif rimarkat, “kull ma jmur qed jigi accettat il-principju illi anki l-impjegati fis-servizz civili fil-konfront ta’ l-Istat li jhaddmu, meta jakkwista drittijiet civili jew meta jassumi obbligi civili, kellu d-dritt li jirrikorri ghad-definizzjoni taghhom quddiem Tribunal li jkun indipendenti u mparzjali. Dan in omagg tad-dritt fundamentali ta’ l-individwu ghal smiegh xieraq minn Tribunal imparzjali u ndipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili tieghu” - “**Helen Borg *et* -vs- Il-Prim Ministru *et***”, Appell, 9 ta’ Frar 2001; “**Carmelo sive Charles Magri -vs- Kummissarju tal-Pulizija *et***”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998;

Dan premess, a skop ta’ precizazzjoni ghandu jigi osservat ukoll illi ghad li mhux uzat f’ kuntest identiku, “meta l-Qorti tinsab konfrontata b’ eccezzjoni ta’ difett ta’ gurisdizzjoni, fi kwalunkwe kawza li tkun, ghandu qabel xejn ifittex u jara li ma jezawtorax ruhu, ghal ragunijiet ta’ ordni pubbliku, jew statutorju ma jipprekluduwiex milli tiehu konjizzjoni bhala tribunal ordinarju tal-kontroversja li tigi istitwita quddiema” - “**L-Ispizjar Anthony Darmenia *nomine et nomine* -vs- Onor. Dottor Giorgio Borg Olivier *nomine et nomine***”, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imh. Edoardo Magri, 12 ta’ Jannar 1965, deciza definittivament mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta’ Frar 1966;

Fil-kaz in disamina ma giet sollevat ebda eccezzjoni bhal din imma t-Tribunal deherlu li kellu jissollevaha hu stess in bazi ghal dak li nghad fis-sentenza citata “**Marika Caruana -vs- Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**”, (23 ta’ Jannar 2004);

Jinghad mill-ewwel illi l-precitata sentenza ma tadattax ruhha ghal kaz in kwestjoni. Dan ghaliex il-fattispeci ta’ dak il-kaz kienu tassew, kif rilevat mill-appellant, *toto coelo* diversi mill-kaz prezenti. Fih kien hemm konsiderazzjonijiet partikolari li gew ezaminati. L-attrici f’ dak il-kaz ma kienetx tiddetjeni kariga ta’ Deputat Registratur u ghalhekk la ma kellhiex dak il-grad, it-talba

taghha ghall-hlas minnha pretiz ma kienetx wahda semplicistika li kellha tattira l-kompetenza tat-Tribunal adit izda kellha, b' necessita, tigi affrontata fil-kwadru ta' l-eccezzjoni sollevata, trattasi ta' hatra fis-servizz pubbliku, li hi ma kellhiex, u ghalhekk ma kienx jintitolaha ghall-hlas addizzjonali rikjest minnha;

Ghal kaz attwali ma jista' jingibed xejn minn dik is-sentenza ghax, kif gja nghad, ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz kienu differenti minn dawk tal-kaz prezenti. It-Tribunal allura ma kellux raguni jassumi, fuq il-bazi ta' dak il-gudikat, li ma kellux gurisdizzjoni, gjaladarba wkoll it-talba kienet tirrientra fil-parametri tal-kompetenza tieghu skond l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380. Ir-raguni hi ovvja. L-attur appellant kien Deputat Registratur u l-hlas minnu mitlub kien relattiv ghal xoghol ta' traskrizzjonijiet minnu ezegwiti f' dak il-grad. Dan hu sahansitra konfermat mill-istess konvenut fejn jiddikjara fix-xhieda tieghu illi "t-traskrizzjoni hija parti mid-dover ufficcjali ta' dak l-ufficcjal ezekuttiv addett ta' dik l-Awla" (fol. 29). Is-sentenza ghalhekk hi zbaljata u ghandha tigi annullata;

Una volta l-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni u qed thassar id-decizjoni tat-Tribunal ser tghaddi 'l quddiem biex hi stess tezamina u tiddeciedi t-talba, kif hekk irid u jipprovdi s-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995;

Il-fatti principali tal-kawza kif johorgu mill-provi jistghu jigu rikapitolati kif gej:-

(1) L-attur, Deputat Registratur, qed jitlob hlas ghal xoghol ta' traskrizzjonijiet tax-xhieda u rapporti ahjar dettaljati fid-dokumenti esebiti minn fol. 2 sa fol. 12. Hlief ghal dawn, kif mistqarr minnu (fol. 31) u korroborat minn Lucy Cassar (fol. 92) l-attur addett minn dawn it-traskrizzjonijiet dejjem thallas taghhom billi d-drittijiet dwarhom kienu jinhargulu mal-paga solita tieghu;

(2) Charles Micallef *qua* Direttur Generali ta ordni biex il-hlas reklamat ma jsirx lill-attur. Huwa ppretenda illi gjaladarba l-attur kien fuq *sick leave* dan ma kienx disponibbli ghax-xoghol u allura lanqas li jaghmel xoghol ta' traskrizzjonijiet, li jistghu jsiru kemm waqt il-hin tax-xoghol, kemm wara u anke id-dar. Huwa jistqarr ukoll illi kien ta struzzjonijiet li sakemm l-attur ikun fuq *sick leave* ma jinghatax xoghol ta' traskrizzjoni jew li jithallas taghhom;

(3) Il-Magistrat Tonio Micallef Trigona, li mieghu l-attur kien addett bhala Deputat Registratur, filwaqt li jikkonfessa li hu qatt ma rceva ordni minghand l-Amministrazzjoni tal-Qorti biex l-attur ma jaghmelx traskrizzjonijiet waqt li kien *sick leave*, jikkonferma li fuq ordni tieghu l-attur ippresta s-servizzi tieghu kif dettaljati fid-dokumenti esebiti minn fol. 2 sa fol. 12. Izid jaggungi wkoll illi fil-kors ta' l-*optional leave* tieghu l-attur kien jattendi kwazi kuljum anke ghaliex ix-xoghol tat-traskrizzjoni kien iqassmu hu (fol. 50). Kif konfermat mix-xhud Lucy Cassar l-attur kien imur personalment ghandha fl-ufficcju bit-*typing* u l-kontijiet (fol. 93);

(4) It-Tabib Anthony Pisani, li rrilaxxja c-certifikati tal-mard (fol. 34 sa fol. 43), jixhed illi l-infjammazzjoni li kellu f' dahru l-attur ma kienetx tinibih milli joqghod bil-qeghda u jahdem fuq kompjuter (fol. 54). Mod jew iehor dan hu sostenut ukoll mit-Tabib John Zammit Montebello (fol. 63) li kien il-mediku li jivvizita lill-impjegati tal-Qorti meta dawn ikunu bis-*sick*;

Posta ghalhekk il-kwestjoni li l-partijiet in kawza qeghdin jikkontendu dwarha, din il-Qorti tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

(1) Ibda biex, ma giex konvintement pruvat mill-konvenut illi l-ordni emessa minnu biex l-attur ma jinghatax xoghol ta' traskrizzjoni waqt li kien *sick* waslet fejn kellha tasal; b' mod partikolari, lill-attur innifsu u lill-Magistrat li mieghu kien addett bhala Deputat Registratur;

(2) Jirrizulta, wkoll, mhux kontradett, illi certu xoghol ta' traskrizzjoni sar fil-perijodu meta l-attur kien fl-*optional leave* jew *pre-retirement leave* tieghu;

(3) Ma ngiebet l-ebda prova u ma tressqet ebda sottomissjoni ta' sustanza illi xoghol bhal dak ezegwit mill-attur ma kienx jintitolah ghad-debita rimunerazzjoni tieghu;

(4) Minn dan jitnissel illi jekk ix-xoghol gie adempit, u fuq dan tezisti l-konferma tal-Magistrat Tonio Micallef Trigona u tax-xhud Lucy Cassar, ma kienx mistenni li b' mod awtokratiku jigi ordnat li dak ix-xoghol ma jigix processat ghall-hlas dovut;

(5) Dawn l-osservazzjonijiet u cirkostanzi kollha flimkien, maghdud il-principju ta' l-ekwita`, jikkostitwixxu ghal din il-Qorti, prova sufficcjenti li l-attur kien intitolat jircievi r-retribuzzjoni misthoqqa ghas-servizzi minnu prestati u utilizzati. Dan in raguni ghall-massima maghrufa "*omnia labor, optat premium*".

Ghal dawn il-motivi filwaqt li l-Qorti tannulla s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tghaddi in virtu ta' l-Artikolu 8 (4) ta' l-Att V ta' l-1995 biex takkolji d-domanda ta' l-attur billi tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tmien mitt lira Maltija u disghin centezmu (Lm800.90,0), bl-imghaxijiet legali kif mitlub. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------